**6 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Eugenio Sciberras

## Ubbidjenza għall-Ordnijiet tal-Pulizija.

*Meta l-Pulizija tagħti ordni li hu ta' kompetenza tagħha u regolari fil-forma, dak l-ordni għandu jiġi obdut; salv id-dritt li wieħed jirreklama dwar il-ġustizzja intrinseka tal-istess ordni.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli f'tas-Sliema, fit-23 ta' Marzu 1959, f'xi t-8.20 p.m., ingombra t-trieq bix-char-a-banc 2452, naqas jobdi l-ordni mogħti lilu mill-Pulizija waqt li kien jaqdi dmiru, u barra minn dan tnikker matul ir-rotta bejn tas-Sliema u l-Belt, u għalhekk il-Prosekuzzjoni talbet is-sospensjoni tal-liċenza tax-char-a-banc 2452 tiegħu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' April 1959, li biha lliberatu mill-imputazzjoni tat-tnikkir, u sabitu ħati taż-żewġ imputazzjonijiet l-oħra, u kundannatu £1 ammenda għall-ingombru u £1 ammenda talli ma obdiex l-ordni tal-Pulizija; u ssospendietlu l-liċenza tas-sewqan għal tmien tijiem;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella u talab li tiġi revokata s-sentenza fuq imsemmija, fil-parti tagħha kundannatorja, u li hu jiġi liberat għal kollox;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Deher mill-provi li x-char-a-banc misjuq mill-imputat u char-a-banc ieħor kienu minn xi għaxar minuti wegfin fi Strada Ridolfo, diretti f'sens oppost, u kienu qegħdin

jingumbraw it-traffiku, tant li sar rapport lill-Pulizija, li kellha tintervjeni;

Akkorra s-surġent tal-Pulizija Micallef, li, meta ra s-sitwazzjoni, deherlu li l-mod l-aktar prattiku biex jinħall l-"impasse" kien li l-imputat jagħmel manuvra żgħira, ċjoè jitla' biċċa żgħira tal-bankina għall-mument. Għandu jingħad li f'dak il-pont il-bankina hi baxxa xi żewġ pulzieri u nofs. L-imputat irrifjuta jobdi l-ordni u ma ċċaqlaqx; fl-aħħar, wara ħafna kwistjonar, u wara li ntervjena membru ieħor tal-Pulizija, għamel il-manuvra faċilment, u t-traffiku ġie liberat;

Ġie ritenut minn din il-Qorti, sedenti l-President Sir Joseph Carbone, in re "Spettur Paolo Mamo vs. Paolo Formosa ne.", App. Krim. 30 ta' Ottubru 1908, illi:— "Quando un ordine della Polizia è di competenza della stessa e regolare nella forma, deve essere ubbidito, salvo il ricorso contro l'intrinseca giustizia". Dan il-prinċipju ġie ribadit minn din il-Qorti sedenti l-Onor. Imħallef, indi President, Dr. mbgħad Sir Luigi Camilleri, App. Krim. "Pulizija vs. Carmelo Bonello", 7 ta' Frar 1942;

Iżda, apparti dan il-prinċipju, din il-Qorti ma hix affattu nklinata li tgħid li kien hemm xi ħaġa illeġittima, jew arbitrarja, fl-ordni mogħti mis-surġent Micallef. Il-kumpless tal-provi pjuttost juri li ż-żewġ drivers kienu qegħdin jinkaponixxu ruħhom, għad-dannu tad-disbrig normali tat-traffiku. u juri wkoll li dak l-ordni kien l-aktar soluzzjoni prattika għall-evenjenza ta' dak il-mument; tant li, b'manuvra faċli u spedita, it-traffiku ġie distrikat;

Għalhekk, ma hemm xejn x'jiġi ċensurat fis-sentenza appellata, li tibqa' konfermata, u l-appell miċħud. It-terminu tas-sospensjoni jibda jgħaddi minn nhar it-Tnejn, 8 ta' Ġunju 1959.